Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

PUBLIC

Brussell, 20 ta' Settembru 2022
(OR. en)

11724/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0230 (NLE)

LIMITE

POLCOM 93
WTO 144
AGRI 358
UD 161
UK 123

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | Ftehim bejn L-Unjoni Ewropea u L-Istati Uniti tal-Amerka skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea |

PUBLIC

TRADUZZJONI

# FTEHIM
# BEJN L-UNJONI EWROPEA
# U L-ISTATI UNITI TAL-AMERKA
# SKONT L-ARTIKOLU XXVIII TAL-FTEHIM ĠENERALI
# DWAR IT-TARIFFI U L-KUMMERĊ (GATT) TAL-1994 RELATAT MAL-MODIFIKA
# TAL-KONĊESSJONIJIET FUQ IL-KWOTI TARIFFARJI KOLLHA INKLUŻI
# FL-ISKEDA CLXXV TAL-UE BĦALA KONSEGWENZA
# TAL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT MILL-UNJONI EWROPEA

PUBLIC

L-UNJONI EWROPEA,

minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Unjoni",

u

L-ISTATI UNITI TAL-AMERIKA

minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Istati Uniti",

flimkien minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-Partijiet",

WARA LI KKUNSIDRAW in-negozjati li saru f'konformità mal-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji inklużi fl-Iskeda tat-Tariffi tal-Unjoni CLXXV bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni kif ikkomunikat lill-Membri tad-WTO fid-Dokument G/SECRET/42/Add.2,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

PUBLIC

ARTIKOLU 1

Kwoti tariffarji tal-Unjoni li ma għadhomx jinkludu lir-Renju Unit

Fir-rigward tal-kwoti tariffarji li għalihom l-Istati Uniti għandhom drittijiet ta' negozjar jew konsultazzjoni skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, l-Istati Uniti u l-Unjoni jaqblu mal-impenji proposti għall-kwantità tal-kwota tariffarja stabbiliti fl-Anness 1 mehmuż mad-dokument G/SECRET/42/Add.2 għall-Unjoni, soġġett għal dan li ġej:

– Kwota tariffarja 005 (Laħam ta' annimali bovini/ġewwieni li jittiekel ta' annimali bovini): il-volum tal-Unjoni tal-parti speċifika għall-pajjiż tal-Istati Uniti/il-Kanada għandu jiġi aġġustat għal 10 500 tunnellata;

– Kwota tariffarja 015 (Laħam tal-majjal, frisk, imkessaħ jew iffriżat: qatgħat tal-majjal domestiku, friski, imkessħin jew iffriżati, bl-għadam jew mingħajru, minbarra l-flett tal-vagant ippreżentat separatament): il-volum tal-Unjoni tal-parti *erga omnes* għandu jiġi aġġustat għal 4 786 tunnellata;

– Kwota tariffarja 017 (Laħam tal-majjal, frisk, imkessaħ jew iffriżat: ġenbejn mingħajr għadam u prieżet tal-majjal domestiku, majjal frisk, imkessaħ jew iffriżat): il-volum tal-Unjoni tal-kwota *erga omnes* għandu jiġi aġġustat għal 5 720 tunnellata;

– Kwota tariffarja 018 (Laħam tal-majjal, frisk, imkessaħ jew iffriżat: ġenbejn mingħajr għadam u prieżet tal-majjal domestiku, friski, imkessħin jew iffriżati): il-volum tal-Unjoni tal-kwota speċifika għall-pajjiż tal-Istati Uniti għandu jiġi aġġustat għal 0 tunnellati;

PUBLIC

– Kwota tariffarja 030 (Trab tal-ħalib xkumat): il-volum tal-Unjoni tal-kwota *erga omnes* għandu jiġi aġġustat għal 62 917-il tunnellata;

– Kwota tariffarja 044 (Patata, friska jew imkessħa, mill-1 ta' Jannar sal-15 ta' Mejju): il-volum tal-Unjoni tal-kwota *erga omnes* għandu jiġi aġġustat għal 4 295 tunnellata;

– Kwota tariffarja 045 (Tadam): il-volum tal-Unjoni tal-kwota *erga omnes* għandu jiġi aġġustat għal 472 tunnellata;

– Kwota tariffarja 047 (Karrotti u ġdur, friski jew imkessħin): il-volum tal-Unjoni tal-kwota *erga omnes* għandu jiġi aġġustat għal 1 244 tunnellata;

– Kwota tariffarja 048 (Ħjar, frisk jew imkessaħ mill-1 ta' Novembru sal-15 ta' Mejju): il-volum tal-Unjoni tal-kwota *erga omnes* għandu jiġi aġġustat għal 647 tunnellata;

– Kwota tariffarja 051 (Basal imnixxef): il-volum tal-Unjoni tal-kwota *erga omnes* għandu jiġi aġġustat għal 9 770 tunnellata;

– Kwota tariffarja 056 (Lewż): il-volum tal-Unjoni tal-kwota *erga omnes* għandu jiġi aġġustat għal 86 223 tunnellata;

– Kwota tariffarja 065 (Ċirasa ħelwa friska, mill-21 ta' Mejju sal-15 ta' Lulju): il-volum tal-Unjoni tal-kwota *erga omnes* għandu jiġi aġġustat għal 151 tunnellata;

– Kwota tariffarja 068 (Qamħ komuni - kwalità medja u baxxa): il-volum tal-Unjoni tal-kwota speċifika għall-pajjiż tal-Istati Uniti għandu jiġi aġġustat għal 572 000 tunnellata;

PUBLIC

– Kwota tariffarja 069 (Xgħir): il-volum tal-Unjoni tal-kwota *erga omnes* għandu jiġi aġġustat għal 307 105 tunnellati;

– Kwota tariffarja 071 (Qamħirrum): il-volum tal-Unjoni tal-kwota *erga omnes* għandu jiġi aġġustat għal 276 440 tunnellata;

– Kwota tariffarja 074 (Ross bil-fosdqa): il-volum tal-Unjoni tal-kwota *erga omnes* għandu jiġi aġġustat għal 7 tunnellati;

– Kwota tariffarja 076 (ross parzjalment immaċinat jew immaċinat): is-suballokazzjoni tal-Istati Uniti ta' din il-kwota amministrata internament skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni għandha tiġi aġġustata għal 25 772 tunnellata;

– Kwota tariffarja 077 (ross parzjalment immaċinat jew immaċinat): is-suballokazzjoni tal-Istati Uniti ta' din il-kwota amministrata internament skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni għandha tiġi aġġustata għal 1 910 tunnellati;

– Kwota tariffarja 080 (Ross imfarrak): il-volum tal-Unjoni tal-kwota *erga omnes* għandu jiġi aġġustat għal 28 360 tunnellata;

– Kwota tariffarja 110 (Meraq tal-frott): il-volum tal-Unjoni tal-kwota *erga omnes* għandu jiġi aġġustat għal 6 551 tunnellata;

– Kwota tariffarja 111 (Meraq tal-għeneb): il-volum tal-Unjoni tal-kwota *erga omnes* għandu jiġi aġġustat għal 2 525 tunnellata;

PUBLIC

– Kwota tariffarja 112 (Preparazzjonijiet tal-ikel): il-volum tal-Unjoni tal-kwota *erga omnes* għandu jiġi aġġustat għal 783 tunnellata;

– Kwota tariffarja 113 (Preparazzjonijiet tal-ikel): il-volum tal-Unjoni tal-kwota speċifika għall-pajjiż tal-Istati Uniti għandu jiġi aġġustat għal 1 286 tunnellata;

– Kwota tariffarja 121 (Preparazzjonijiet oħra li jintużaw fl-għalf tal-annimali: li ma fihomx prodotti tal-ħalib jew li fihom inqas minn 10 % bil-piż minn dawn il-prodotti): il-volum tal-Unjoni tal-kwota *erga omnes* għandu jiġi aġġustat għal 2 800 tunnellata;

– Kwota tariffarja 122 (Preparazzjonijiet oħra li jintużaw fl-għalf tal-annimali: li ma fihomx prodotti tal-ħalib jew li fihom inqas minn 10 % bil-piż minn dawn il-prodotti): il-volum tal-Unjoni tal-kwota *erga omnes* għandu jiġi aġġustat għal 2 700 tunnellata;

– Kwota tariffarja 123 (Ikel tal-klieb u tal-qtates): il-volum tal-Unjoni tal-kwota *erga omnes* għandu jiġi aġġustat għal 1 732 tunnellata;

– Kwota tariffarja 011 (Gamblu pproċessat tal-ispeċi *Pandalus borealis*): il-volum tal-Unjoni tal-kwota *erga omnes* għandu jiġi aġġustat għal 500 tunnellata;

– Kwota tariffarja 013 (Plywood ta' speċijiet koniferi, mingħajr żieda ta' sustanzi oħra: - li l-uċuħ tiegħu mhumiex ippreparati aktar mill-proċess tat-tqaxxir, ta' ħxuna akbar minn 8,5 mm, jew — xkatlati, ta' ħxuna akbar minn 18,5-il mm): il-volum tal-Unjoni tal-kwota *erga omnes* għandu jiġi aġġustat għal 448 500 m kubu.

PUBLIC

Barra minn hekk, l-Istati Uniti u l-Unjoni jaqblu dwar il-bidla li ġejja fl-impenji skedati biex jiġi ffaċilitat l-użu ta' kwota tariffarja:

– Kwota tariffarja 011 (Laħam tal-annimali bovini, iffriżat; ġewwieni li jittiekel ta' annimali bovini, iffriżat): l-Unjoni għandha taġġusta l-parti *ad valorem* tad-dazju fil-kwota minn 20 % għal 15 %.

PUBLIC

ARTIKOLU 2

In-negozjati li għaddejjin tal-Unjoni skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994

1. L-Istati Uniti tifhem li l-Unjoni qed tkompli tmexxi negozjati u konsultazzjonijiet ma' Membri oħra tad-WTO li għandhom drittijiet ta' negozjar jew konsultazzjoni skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni kif ikkomunikat lill-Membri tad-WTO fid-dokument G/SECRET/42/Add.2.

2. Bħala riżultat ta' dawk in-negozjati u l-konsultazzjonijiet, l-Unjoni jaf tkun trid tikkunsidra bidla possibbli fl-ishma u l-kwantitajiet stabbiliti fil-lista ta' hawn fuq jew dawk proposti mill-Unjoni fid-dokument G/SECRET/42/Add.2. Fil-każ ta' tali bidla maħsuba fir-rigward ta' impenn preċedenti ta' kwota tariffarja tal-Unjoni li għalih l-Istati Uniti għandhom dritt ta' negozjar jew konsultazzjoni, l-Unjoni għandha tikkonsulta mal-Istati Uniti bil-ħsieb li tfittex eżitu sodisfaċenti b'mod reċiproku qabel ma tipproċedi għal kwalunkwe bidla bħal din, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' kull parti skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994.

ARTIKOLU 3

Dispożizzjonijiet finali

1. L-Unjoni u l-Istati Uniti għandhom jinnotifikaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri interni tagħhom għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-aħħar notifika.

2. Dan il-Ftehim jikkostitwixxi ftehim internazzjonali bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti, inkluż għall-finijiet tal-Artikolu XXVIII:3(a) u (b) tal-GATT tal-1994.

Magħmul fi [post], din [id-data], f'żewġ kopji bil-lingwa Ingliża.

| | |
|---|---|
| Għall-Unjoni Ewropea | Għall-Istati Uniti tal-Amerka |

PUBLIC

**ANNESS GĦALL-FTEHIM**

PUBLIC

G/SECRET/42/Add.2

Lista ta' kwoti tariffarji li għandhom jiġu modifikati fl-Iskeda CLXXV – l-Unjoni Ewropea

Il-modifiki proposti huma kif ġej:

Qed jiġi propost li t-TRQs jitqassmu bejn l-Unjoni Ewropea kif magħmula wara l-ħruġ tar-Renju Unit ("EU27") u r-Renju Unit abbażi tal-flussi kummerċjali taħt kull TRQ għal perjodu rappreżentattiv (2013-2015). It-tqassim ġie stabbilit skont is-sehem tal-użu rispettiv (%) tal-EU27 u tar-Renju Unit li ġie applikat għall-volum tat-TRQ skedat kollu. Ġie segwit approċċ konsistenti għat-TRQs kollha, inkluż fir-rigward tad-*data* u l-metodoloġija. Il-konċessjonijiet attwali u t-tqassim propost għall-EU27 huma ppreżentati hawn taħt.

PUBLIC

1. Kwoti tariffarji li għandhom jiġu modifikati fil-Parti I, it-Taqsima I-B (Prodotti Agrikoli)

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni tat-TRQ | Unità | Termini u kondizzjonijiet oħra<br>——<br>Pajjiż fornitur | Konċessjoni attwali fl-Iskeda CLXXV (EU28) | Konċessjoni proposta għall-EU27 |
|---|---|---|---|---|---|
| 001 | Annimali bovini ħajjin | ras | | 710 | 710 |
| 002 | Annimali bovini ħajjin | ras | | 711 | 711 |
| 003 | Annimali bovini ħajjin | ras | | 24 070 | 24 070 |
| 004 | Nagħaġ u mogħoż ħajjin, minbarra annimali ta' razza pura għat-tnissil | t | IR-REPUBBLIKA TAL-MAĊEDONJA TA' FUQ | 215 | 215 |
| 004 | Nagħaġ u mogħoż ħajjin, minbarra annimali ta' razza pura għat-tnissil | t | Oħrajn | 105 | 105 |
| 004 | Nagħaġ u mogħoż ħajjin, minbarra annimali ta' razza pura għat-tnissil | t | *Erga omnes* | 91 | 91 |
| 005 | Laħam tal-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat Ġewwieni li jittiekel tal-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat | t (il-piż tal-prodott) | L-Arġentina | 17 000 | 16 936 |
| 005 | Laħam tal-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat Ġewwieni li jittiekel tal-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat | t (il-piż tal-prodott) | L-Awstralja | 7 150 | 2 481 |

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni tat-TRQ | Unità | Termini u kondizzjonijiet oħra<br>—<br>Pajjiż fornitur | Konċessjoni attwali fl-Iskeda CLXXV<br>(EU28) | Konċessjoni proposta għall-EU27 |
|---|---|---|---|---|---|
| 005 | Laħam tal-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat<br>Ġewwieni li jittiekel tal-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat | t (il-piż tal-prodott) | L-Urugwaj | 2 300 | 2 022 |
| 005 | Laħam tal-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat<br>Ġewwieni li jittiekel tal-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat | t (il-piż tal-prodott) | USA/Kanada | 11 500 | 11 481 |
| 006 | Laħam ta' kwalità għolja tal-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat | t | In-New Zealand | 1 300 | 846 |
| 007 | Laħam ta' kwalità għolja mingħajr għadam tal-annimali bovini, frisk jew imkessaħ<br>Ġewwieni li jittiekel tal-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat | t | L-Arġentina | 12 500 | 12 453 |
| 008 | Laħam mingħajr għadam tal-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat<br>Ġewwieni li jittiekel tal-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat | t | Il-Brażil | 10 000 | 8 951 |

PUBLIC

PUBLIC

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni tat-TRQ | Unità | Termini u kondizzjonijiet oħra<br>—<br>Pajjiż fornitur | Konċessjoni attwali fl-Iskeda CLXXV (EU28) | Konċessjoni proposta għall-EU27 |
|---|---|---|---|---|---|
| 009 | Laħam mingħajr għadam tal-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat<br>Ġewwieni li jittiekel tal-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat | t | L-Urugwaj | 4 076 | 3 584 |
| 010 | Laħam tal-annimali bovini, iffriżat<br>Ġewwieni li jittiekel tal-annimali bovini, iffriżat | t (il-piż mingħajr għadam) | | 54 875 | 43 732 |
| 011 | Laħam tal-annimali bovini, iffriżat<br>Ġewwieni li jittiekel tal-annimali bovini, iffriżat | t (piż bil-għadam) | | 63 703 | 19 676 |
| 012 | Laħam tal-buflu mingħajr għadam, frisk, imkessaħ jew iffriżat | t (mingħajr għadam) | L-Arġentina | 200 | 200 |
| 013 | Laħam tal-buflu mingħajr għadam, iffriżat | t (mingħajr għadam) | L-Awstralja | 2 250 | 1 405 |
| 014 | Laħam tal-majjal, frisk, imkessaħ jew iffriżat:<br>- Karkassi u nofs karkassi ta' majjal domestiku, friski, imkessħin jew iffriżati | t | | 15 067 | 15 067 |

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni tat-TRQ | Unità | Termini u kondizzjonijiet oħra<br>—<br>Pajjiż fornitur | Konċessjoni attwali fl-Iskeda CLXXV<br>(EU28) | Konċessjoni proposta għall-EU27 |
|---|---|---|---|---|---|
| 015 | Laħam tal-majjal, frisk, imkessaħ jew iffriżat:<br>- Qatgħat tal-majjal domestiku, friski, imkessħa jew iffriżati, bl-għadam jew mingħajru, minbarra l-flett tal-vagant ippreżentat separatament | t | Il-Kanada | 4 624 | 4 623 |
| 015 | Laħam tal-majjal, frisk, imkessaħ jew iffriżat:<br>- Qatgħat tal-majjal domestiku, friski, imkessħa jew iffriżati, bl-għadam jew mingħajru, minbarra l-flett tal-vagant ippreżentat separatament | t | *Erga omnes* | 6 135 | 6 133 |
| 016 | Laħam tal-majjal, frisk, imkessaħ jew iffriżat:<br>- Ġenbejn tal-majjal domestiku u qatgħat tiegħu, bl-għadam, friski jew imkessħin<br>- Żquq (streaky) ta' majjal domestiku u qatgħat tagħhom, iffriżati | t | | 7 000 | 7 000 |
| 017 | Laħam tal-majjal, frisk, imkessaħ jew iffriżat:<br>- Ġenbejn mingħajr għadam u prieżet tal-majjal domestiku, friski, imkessħin jew iffriżati | t | | 35 265 | 12 680 |

PUBLIC

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni tat-TRQ | Unità | Termini u kondizzjonijiet oħra<br>—<br>Pajjiż fornitur | Konċessjoni attwali fl-Iskeda CLXXV (EU28) | Konċessjoni proposta għall-EU27 |
|---|---|---|---|---|---|
| 018 | Laħam tal-majjal, frisk, imkessaħ jew iffriżat:<br>- Ġenbejn mingħajr għadam u prieżet tal-majjal domestiku, friski, imkessħin jew iffriżati | t | L-Istati Uniti tal-Amerika | 4922 | 1 770 |
| 019 | Laħam tal-majjal, frisk, imkessaħ jew iffriżat:<br>Flettijiet tal-vagant tal-majjal domestiku, friski, imkessħin jew iffriżati | t | | 5 000 | 3 780 |
| 020 | Laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, frisk, imkessaħ jew friżat | t (il-piż tal-karkassa) | L-Arġentina | 23 000 | 17 006 |
| 020 | Laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, frisk, imkessaħ jew friżat | t (il-piż tal-karkassa) | L-Awstralja | 19 186 | 3 837 |
| 020 | Laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, frisk, imkessaħ jew friżat | t (il-piż tal-karkassa) | Iċ-Ċilì | 3 000 | 2 628 |
| 020 | Laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, frisk, imkessaħ jew friżat | t (il-piż tal-karkassa) | Il-Greenland | 100 | 48 |

PUBLIC

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni tat-TRQ | Unità | Termini u kondizzjonijiet oħra<br>—<br>Pajjiż fornitur | Konċessjoni attwali fl-Iskeda CLXXV (EU28) | Konċessjoni proposta għall-EU27 |
|---|---|---|---|---|---|
| 020 | Laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, frisk, imkessaħ jew friżat | t (il-piż tal-karkassa) | L-Iżlanda | 600 | 349 |
| 020 | Laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, frisk, imkessaħ jew friżat | t (il-piż tal-karkassa) | In-New Zealand | 228 389 | 114 184 |
| 020 | Laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, frisk, imkessaħ jew friżat | t (il-piż tal-karkassa) | L-Urugwaj | 5 800 | 4 759 |
| 020 | Laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, frisk, imkessaħ jew friżat | t (il-piż tal-karkassa) | Il-Bożnija-Ħerzegovina | 850 | 410 |
| 020 | Laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, frisk, imkessaħ jew friżat | t (il-piż tal-karkassa) | Oħrajn | 200 | 200 |
| 020 | Laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, frisk, imkessaħ jew friżat | t (il-piż tal-karkassa) | *Erga omnes* | 200 | 178 |

PUBLIC

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni tat-TRQ | Unità | Termini u kondizzjonijiet oħra<br>—<br>Pajjiż fornitur | Konċessjoni attwali fl-Iskeda CLXXV (EU28) | Konċessjoni proposta għall-EU27 |
|---|---|---|---|---|---|
| 021 | Ġewwieni li jittiekel tal-annimali bovini, iffriżat | t | L-Arġentina | 700 | 700 |
| 021 | Ġewwieni li jittiekel tal-annimali bovini, iffriżat | t | Oħrajn | 800 | 800 |
| 022 | Karkassi tat-tiġieġ, friski, imkessħin jew iffriżati | t | | 6 249 | 4 054 |
| 023 | Laħam u ġewwieni li jittiekel tal-pollam, frisk, imkessaħ jew iffriżat | t | L-Istati Uniti tal-Amerika | 21 345 | 21 345 |
| 024 | Qatgħat tat-tiġieġ, friski, imkessħin jew iffriżati | t | | 8 570 | 8 253 |
| 025 | Qatgħat mingħajr għadam ta' tjur tal-ispeċi Gallus domesticus, iffriżati | t | | 2 705 | 2 427 |
| 026 | Qatgħat ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, iffriżati | t | Il-Brażil | 9 598 | 8 308 |
| 026 | Qatgħat ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, iffriżati | t | *Erga omnes* | 15 500 | 13 471 |
| 027 | Laħam tad-dundjan, frisk, imkessaħ jew iffriżat | t | | 1 781 | 1 781 |
| 028 | Qatgħat tad-dundjani, iffriżati | t | Il-Brażil | 3 110 | 2 692 |
| 028 | Qatgħat tad-dundjani, iffriżati | t | *Erga omnes* | 4 985 | 4 253 |

PUBLIC

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni tat-TRQ | Unità | Termini u kondizzjonijiet oħra<br>—<br>Pajjiż fornitur | Konċessjoni attwali fl-Iskeda CLXXV (EU28) | Konċessjoni proposta għall-EU27 |
|---|---|---|---|---|---|
| 029 | Laħam tal-pollam immellaħ | t | Il-Brażil | 170 807 | 129 930 |
| 029 | Laħam tal-pollam immellaħ | t | It-Tajlandja | 92 610 | 68 385 |
| 029 | Laħam tal-pollam immellaħ | t | Oħrajn | 828 | 824 |
| 030 | Trab tal-ħalib xkumat | t | | 68 537 | 68 536 |
| 031 | Butir u xaħmijiet u żjut oħra miksuba mill-ħalib | t (ekwivalent i għal butir) | | 11 360 | 11 360 |

PUBLIC

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni tat-TRQ | Unità | Termini u kondizzjonijiet oħra<br>—<br>Pajjiż fornitur | Konċessjoni attwali fl-Iskeda CLXXV<br>(EU28) | Konċessjoni proposta għall-EU27 |
|---|---|---|---|---|---|
| 032 | Butir li għandu ta' mill-inqas sitt ġimgħat, b'kontenut ta' xaħam skont il-piż ta' mhux inqas minn 80 % iżda inqas minn 85 % immanifatturat direttament mill-ħalib jew il-krema mingħajr l-użu ta' materjali maħżunin, fi proċess uniku, awtonomu u mhux interrott.<br>Butir, li għandu mill-inqas sitt ġimgħat, b'kontenut ta' xaħam bil-piż ta' mhux inqas minn 80 % iżda inqas minn 85 %, immanifatturat direttament mill-ħalib jew mill-krema mingħajr l-użu ta' materjali maħżunin, fi proċess uniku, awtonomu u mingħajr interruzzjoni, li jista' jinvolvi li l-krema tgħaddi minn stadju li fih, ix-xaħam tal-butir jiġi kkonċentrat u/jew maqsum fi frazzjonijiet (il-proċessi magħrufin bħala "Ammix" u "Spreadable)" | t | In-New Zealand | 74 693 | 47 177 |

PUBLIC

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni tat-TRQ | Unità | Termini u kondizzjonijiet oħra<br>——<br>Pajjiż fornitur | Konċessjoni attwali fl-Iskeda CLXXV<br>(EU28) | Konċessjoni proposta għall-EU27 |
|---|---|---|---|---|---|
| 033 | Ġobon u baqta:<br>- Ġobon tal-pizza, iffriżat, imqatta' f'biċċiet li kull waħda tiżen mhux aktar minn 1 g, f'kontenituri b'kontenut nett ta' 5 kg jew aktar, b'kontenut ta' ilma, bil-piż, ta' 52 % jew aktar, u kontenut ta' xaħam, bil-piż, fil-materjal xott ta' 38 % jew aktar | t | | 5 360 | 5 360 |
| 034 | Ġobon ieħor | t | | 19 525 | 19 525 |
| 035 | Ġobon u baqta:<br>- Emmentaler, inkluż Emmentaler ipproċessat | t | | 18 438 | 18 438 |
| 036 | Ġobon u baqta:<br>- Gruyère, Sbrinz, inkluż Gruyère pproċessat | t | | 5 413 | 5 413 |
| 037 | Ġobon u baqta:<br>- Ġobon għall-ipproċessar | t | | 20 007 | 11 741 |
| 038 | Ġobon għall-ipproċessar | t | L-Awstralja | 500 | 500 |
| 038 | Ġobon għall-ipproċessar | t | In-New Zealand | 4 000 | 1 670 |

PUBLIC

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni tat-TRQ | Unità | Termini u kondizzjonijiet oħra<br>—<br>Pajjiż fornitur | Konċessjoni attwali fl-Iskeda CLXXV (EU28) | Konċessjoni proposta għall-EU27 |
|---|---|---|---|---|---|
| 039 | Ġobon u baqta:<br>- Cheddar | t | | 15 005 | 14 941 |
| 040 | Ġobon cheddar | t | In-New Zealand | 7 000 | 4 361 |
| 040 | Ġobon cheddar | t | L-Awstralja | 3 711 | 3 711 |
| 041 | Ġobon cheddar | t | Il-Kanada | 4 000 | 0 |
| 042 | Bajd tal-pollam għall-konsum, fil-qoxra | t | | 135 000 | 114 669 |
| 043 | Isfar tal-bajd<br>Bajd tat-tjur, mhux fil-qoxra | t (ekwivalent i għal bajd fil-qxur) | | 7 000 | 7 000 |
| 044 | Patata, friska jew imkessħa, mill-1 ta' Jannar sal-15 ta' Mejju | t | | 4 295 | 4 292 |
| 045 | Tadam | t | | 472 | 464 |
| 046 | Tewm | t | L-Arġentina | 19 147 | 19 147 |
| 046 | Tewm | t | Iċ-Ċina | 48 225 | 40 556 |
| 046 | Tewm | t | Oħrajn | 6 023 | 3 711 |

PUBLIC

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni tat-TRQ | Unità | Termini u kondizzjonijiet oħra<br>—<br>Pajjiż fornitur | Konċessjoni attwali fl-Iskeda CLXXV (EU28) | Konċessjoni proposta għall-EU27 |
|---|---|---|---|---|---|
| 047 | Karrotti u turnips, friski jew imkessħin | t | | 1 244 | 1 192 |
| 048 | Ħjar, frisk jew imkessaħ, mill-1 ta' Novembru sal-15 ta' Mejju | t | | 1 134 | 500 |
| 049 | Ħxejjex oħra, friski jew imkessħin (bżar ħelu) | t | | 500 | 500 |
| 050 | Faqqiegħ tal-ispeċi Agaricus, ippreparat, ippreservat jew ippreservat provviżorjament | t | Iċ-Ċina | 1 450 | 1 450 |
| 050 | Faqqiegħ tal-ispeċi Agaricus, ippreparat, ippreservat jew ippreservat provviżorjament | t | *Erga omnes* | 33 980 | 33 980 |
| 051 | Basal niexef | t | | 12 000 | 9 696 |
| 052 | Manjoka (casava) | t | It-Tajlandja | 5 750 000 | 3 096 027 |
| 053 | Manjoka (casava) minbarra gerbub tad-dqiq u tal-pasta<br>Ararut, salep u għeruq u tuberi simili b'kontenut għoli ta' lamtu | t | Iċ-Ċina | 350 000 | 275 805 |

PUBLIC

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni tat-TRQ | Unità | Termini u kondizzjonijiet oħra<br>—<br>Pajjiż fornitur | Konċessjoni attwali fl-Iskeda CLXXV<br>(EU28) | Konċessjoni proposta għall-EU27 |
|---|---|---|---|---|---|
| 053 | Manjoka (casava) minbarra gerbub tad-dqiq u tal-pasta<br>Ararut, salep u għeruq u tuberi simili b'kontenut għoli ta' lamtu | t | L-Indoneżja | 825 000 | 0 |
| 053 | Manjoka (casava) minbarra gerbub tad-dqiq u tal-pasta<br>Ararut, salep u għeruq u tuberi simili b'kontenut għoli ta' lamtu | t | Membri oħra tad-WTO minbarra t-Tajlandja, iċ-Ċina u l-Indoneżja | 145 590 | 124 552 |
| 053 | Manjoka (casava) minbarra gerbub tad-dqiq u tal-pasta<br>Ararut, salep u għeruq u tuberi simili b'kontenut għoli ta' lamtu | t | Membri oħra mhux tad-WTO | 30 000 | 30 000 |
| 053 | Manjoka (casava) minbarra gerbub tad-dqiq u tal-pasta<br>Ararut, salep u għeruq u tuberi simili b'kontenut għoli ta' lamtu | t | Membri oħra mhux tad-WTO | 2 000 | 1 691 |
| 054 | Patata ħelwa, minbarra dik għall-konsum uman | t | Iċ-Ċina | 600 000 | 252 641 |

PUBLIC

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni tat-TRQ | Unità | Termini u kondizzjonijiet oħra<br>—<br>Pajjiż fornitur | Konċessjoni attwali fl-Iskeda CLXXV<br>(EU28) | Konċessjoni proposta għall-EU27 |
|---|---|---|---|---|---|
| 055 | Patata ħelwa, minbarra dik għall-konsum uman | t | Għajr iċ-Ċina | 5 000 | 4 985 |
| 056 | Lewż, minbarra l-lewż morr | t | | 90 000 | 85 958 |
| 057 | Larinġ ħelu, frisk | t | | 20 000 | 20 000 |
| 058 | Frott taċ-ċitru ibridu ieħor | t | | 15 000 | 14 931 |
| 059 | Lumi, mill-15 ta' Jannar sal-14 ta' Ġunju | t | | 10 000 | 8 156 |
| 060 | Għeneb tal-mejda, frisk, mill-21 ta' Lulju sal-31 ta' Ottubru | t | | 1 500 | 885 |
| 061 | Tuffieħ, frisk, mill-1 ta' April sal-31 ta' Lulju | t | | 696 | 666 |
| 062 | Lanġas, frisk, minbarra lanġas tal-perry bl-ingrossa, mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Diċembru | t | | 1 000 | 810 |
| 063 | Berquq, frisk, mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Mejju | t | | 500 | 74 |

PUBLIC

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni tat-TRQ | Unità | Termini u kondizzjonijiet oħra<br>——<br>Pajjiż fornitur | Konċessjoni attwali fl-Iskeda CLXXV<br>(EU28) | Konċessjoni proposta għall-EU27 |
|---|---|---|---|---|---|
| 064 | Berquq, frisk, mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju | t | | 2 500 | 1 387 |
| 065 | Ċiras, frisk, minbarra ċ-ċiras qares, mill-21 ta' Mejju sal-15 ta' Lulju | t | | 800 | 105 |
| 066 | Qamħ durum | t | | 50 000 | 50 000 |
| 067 | Qamħ ta' kwalità | t | | 300 000 | 300 000 |
| 068 | Qamħ komuni (ta' kwalità medja u baxxa) | t | L-Istati Uniti tal-Amerika | 572 000 | 571 943 |
| 068 | Qamħ komuni (ta' kwalità medja u baxxa) | t | Il-Kanada | 38 853 | 1 463 |
| 068 | Qamħ komuni (ta' kwalità medja u baxxa) | t | Oħrajn | 2 371 600 | 2 285 665 |
| 068 | Qamħ komuni (ta' kwalità medja u baxxa) | t | *Erga omnes* | 129 577 | 129 577 |
| 069 | Xgħir | t | | 307 105 | 306 812 |
| 070 | Barli ffermentat | t | | 50 890 | 20 789 |

PUBLIC

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni tat-TRQ | Unità | Termini u kondizzjonijiet oħra<br>—<br>Pajjiż fornitur | Konċessjoni attwali fl-Iskeda CLXXV (EU28) | Konċessjoni proposta għall-EU27 |
|---|---|---|---|---|---|
| 071 | Qamħirrum | t | | 277 988 | 269 214 |
| 072 | Qamħirrum | t | | 500 000 | 500 000 |
| 073 | Qamħirrum | t | | 2 000 000 | 2 000 000 |
| 074 | Ross fil-ħliefa | t | | 7 | 5 |
| 075 | Ross meħluf (ismar) | t | | 1 634 | 1 416 |
| 076 | Ross parzjalment immaċinat jew ross immaċinat | t | | 63 000 | 36 731 |
| 077 | Ross parzjalment immaċinat jew ross immaċinat | t | It-Tajlandja | 4 313 | 3 663 |
| 077 | Ross parzjalment immaċinat jew ross immaċinat | t | Oħrajn | 9 187 | 6 859 |
| 078 | Ross parzjalment immaċinat jew ross immaċinat | t | It-Tajlandja | 1 200 | 1 019 |
| 078 | Ross parzjalment immaċinat jew ross immaċinat | t | *Erga omnes* | 25 516 | 22 442 |

PUBLIC

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni tat-TRQ | Unità | Termini u kondizzjonijiet oħra<br>—<br>Pajjiż fornitur | Konċessjoni attwali fl-Iskeda CLXXV (EU28) | Konċessjoni proposta għall-EU27 |
|---|---|---|---|---|---|
| 079 | Ross imfarrak, maħsub għall-produzzjoni ta' oġġetti tal-ikel tas-subintestatura 1901 10 00 | t | | 1 000 | 1 000 |
| 080 | Ross imfarrak | t | | 31 788 | 26 581 |
| 081 | Ross imfarrak | t | | 100 000 | 93 709 |
| 082 | Sorgu tal-qamħirrun | t | | 300 000 | 300 000 |
| 083 | Millieġ | t | | 1 300 | 888 |
| 084 | Ħafur maħdum, minbarra dak mitħun oħxon | t | | 10 000 | 231 |
| 085 | Lamtu tal-manjoka | t | | 8 000 | 6 632 |
| 086 | Lamtu tal-manjoka | t | | 2 000 | 1 658 |
| 087 | Zalzett, imnixxef jew biex jindilek, mhux imsajjar<br>Zalzett ieħor | t | | 3 002 | 164 |
| 088 | Laħam ippreparat tad-dundjani | t | Il-Brażil | 92 300 | 89 950 |

PUBLIC

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni tat-TRQ | Unità | Termini u kondizzjonijiet oħra<br>—<br>Pajjiż fornitur | Konċessjoni attwali fl-Iskeda CLXXV (EU28) | Konċessjoni proposta għall-EU27 |
|---|---|---|---|---|---|
| 088 | Laħam ippreparat tad-dundjani | t | Oħrajn | 11 596 | 11 301 |
| 089 | Laħam tat-tiġieġ ipproċessat, mhux imsajjar, li fih 57 % jew iktar skont il-piż tal-laħam jew tal-ġewwieni tal-pollam | t | Il-Brażil | 15 800 | 10 969 |
| 089 | Laħam tat-tiġieġ ipproċessat, mhux imsajjar, li fih 57 % jew iktar skont il-piż tal-laħam jew tal-ġewwieni tal-pollam | t | Oħrajn | 340 | 236 |
| 090 | Laħam imsajjar ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus* | t | Il-Brażil | 79 477 | 52 665 |
| 090 | Laħam imsajjar ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus* | t | It-Tajlandja | 160 033 | 109 441 |
| 090 | Laħam imsajjar ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus* | t | Oħrajn | 11 443 | 8 471 |
| 091 | Laħam tat-tiġieġ ipproċessat li fih 25 % jew iktar iżda inqas minn 57 % skont il-piż tal-laħam jew tal-ġewwieni tal-pollam | t | Il-Brażil | 62 905 | 59 699 |
| 091 | Laħam tat-tiġieġ ipproċessat li fih 25 % jew iktar iżda inqas minn 57 % skont il-piż tal-laħam jew tal-ġewwieni tal-pollam | t | It-Tajlandja | 14 000 | 8 019 |

PUBLIC

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni tat-TRQ | Unità | Termini u kondizzjonijiet oħra<br>—<br>Pajjiż fornitur | Konċessjoni attwali fl-Iskeda CLXXV (EU28) | Konċessjoni proposta għall-EU27 |
|---|---|---|---|---|---|
| 091 | Laħam tat-tiġieġ ipproċessat li fih 25 % jew iktar iżda inqas minn 57 % skont il-piż tal-laħam jew tal-ġewwieni tal-pollam | t | Oħrajn | 2 800 | 1 669 |
| 092 | Laħam tat-tiġieġ ipproċessat li fih inqas minn 25 % skont il-piż tal-laħam jew tal-ġewwieni tal-pollam | t | Il-Brażil | 295 | 163 |
| 092 | Laħam tat-tiġieġ ipproċessat li fih inqas minn 25 % skont il-piż tal-laħam jew tal-ġewwieni tal-pollam | t | It-Tajlandja | 2 100 | 1 162 |
| 092 | Laħam tat-tiġieġ ipproċessat li fih inqas minn 25 % skont il-piż tal-laħam jew tal-ġewwieni tal-pollam | t | Oħrajn | 470 | 260 |
| 093 | Laħam ipproċessat tal-papra, tal-wiżż, tal-farawna, mhux imsajjar, li fih 57 % jew iktar skont il-piż tal-laħam jew tal-ġewwieni tal-pollam | t | It-Tajlandja | 10 | 0 |
| 094 | Laħam ipproċessat tal-papra, tal-wiżż, tal-farawna, imsajjar, li fih 57 % jew iktar skont il-piż tal-laħam jew tal-ġewwieni tal-pollam | t | It-Tajlandja | 13 500 | 8 572 |

PUBLIC

PUBLIC

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni tat-TRQ | Unità | Termini u kondizzjonijiet oħra<br>—<br>Pajjiż fornitur | Konċessjoni attwali fl-Iskeda CLXXV (EU28) | Konċessjoni proposta għall-EU27 |
|---|---|---|---|---|---|
| 094 | Laħam ipproċessat tal-papra, tal-wiżż, tal-farawna, imsajjar, li fih 57 % jew iktar skont il-piż tal-laħam jew tal-ġewwieni tal-pollam | t | Oħrajn | 220 | 159 |
| 095 | Laħam ipproċessat tal-papra, tal-wiżż, tal-farawna, imsajjar, li fih 25 % jew iktar iżda inqas minn 57 % skont il-piż tal-laħam jew tal-ġewwieni tal-pollam | t | It-Tajlandja | 600 | 300 |
| 095 | Laħam ipproċessat tal-papra, tal-wiżż, tal-farawna, imsajjar, li fih 25 % jew iktar iżda inqas minn 57 % skont il-piż tal-laħam jew tal-ġewwieni tal-pollam | t | Oħrajn | 148 | 0 |
| 096 | Laħam ipproċessat tal-papra, tal-wiżż, tal-farawna, imsajjar, li fih inqas minn 25 % skont il-piż tal-laħam jew tal-ġewwieni tal-pollam | t | It-Tajlandja | 600 | 278 |
| 096 | Laħam ipproċessat tal-papra, tal-wiżż, tal-farawna, imsajjar, li fih inqas minn 25 % skont il-piż tal-laħam jew tal-ġewwieni tal-pollam | t | Oħrajn | 125 | 58 |
| 097 | Laħam ipproċessat jew ippreservat tal-ħnieżer domestiċi | t | | 6 161 | 6 161 |

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni tat-TRQ | Unità | Termini u kondizzjonijiet oħra<br>—<br>Pajjiż fornitur | Konċessjoni attwali fl-Iskeda CLXXV (EU28) | Konċessjoni proposta għall-EU27 |
|---|---|---|---|---|---|
| 098 | Zokkor mhux maħdum tal-kannamieli, għar-raffinar | t | L-Awstralja | 9 925 | 4 961 |
| 098 | Zokkor mhux maħdum tal-kannamieli, għar-raffinar | t | Il-Brażil | 388 124 | 358 454 |
| 098 | Zokkor mhux maħdum tal-kannamieli, għar-raffinar | t | Kuba | 10 000 | 10 000 |
| 098 | Zokkor mhux maħdum tal-kannamieli, għar-raffinar | t | *Erga omnes* | 372 876 | 341 460 |
| 099 | Zokkor tal-kannamieli jew tal-pitravi | t (ekwivalent i għal zokkor abjad) | L-Indja | 10 000 | 5 841 |
| 099 | Zokkor tal-kannamieli jew tal-pitravi | t (ekwivalent i għal zokkor abjad) | Pajjiżi ACP | 1 294 700 | 921 707 |
| 100 | Fruttożju kimikament pur | t | | 4 504 | 4 504 |
| 101 | Fruttożju kimikament pur | t | | 1 253 | 1 253 |
| 102 | Ħelu | t | | 2 289 | 2 245 |

PUBLIC

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni tat-TRQ | Unità | Termini u kondizzjonijiet oħra<br>—<br>Pajjiż fornitur | Konċessjoni attwali fl-Iskeda CLXXV<br>(EU28) | Konċessjoni proposta għall-EU27 |
|---|---|---|---|---|---|
| 103 | Ċikkulata | t | | 107 | 81 |
| 104 | Ċikkulata | t | | 2 026 | 2 026 |
| 105 | Preparazzjonijiet tal-ikel biċ-ċereali | t | | 191 | 191 |
| 106 | Għaġin | t | | 532 | 497 |
| 107 | Gallettini | t | | 409 | 409 |
| 108 | Ananas ippreservat, frott taċ-ċitru, lanġas, berquq, ċiras, ħawħ u frawli | t | | 2 838 | 2 820 |
| 109 | Meraq tal-laring, iffriżat, ta' densità li ma taqbiżx 1,33 g/cm$^3$ f'temperatura ta' 20 °C | t | | 1 500 | 1 500 |
| 110 | Meraq tal-frott | t | | 7 044 | 6 436 |
| 111 | Meraq tal-għeneb (inkluż most iżda qabel jeħmer): | t | | 14 029 | 0 |
| 112 | Preparazzjonijiet tal-ikel | t | | 921 | 702 |

PUBLIC

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni tat-TRQ | Unità | Termini u kondizzjonijiet oħra<br>—<br>Pajjiż fornitur | Konċessjoni attwali fl-Iskeda CLXXV (EU28) | Konċessjoni proposta għall-EU27 |
|---|---|---|---|---|---|
| 113 | Preparazzjonijiet tal-ikel | t | L-Istati Uniti tal-Amerika | 1 550 | 831 |
| 114 | Inbid ta' għeneb frisk (minbarra l-inbid spumanti u nbid ta' kwalità prodott f'reġjuni speċifikati) f'kontenituri li jesgħu =< 2 L u ta' qawwa alkoħolika ta' =<13 % vol | hl | | 40 000 | 4 689 |
| 115 | Inbid ta' għeneb frisk (minbarra l-inbid spumanti u nbid ta' kwalità prodott f'reġjuni speċifikati) f'kontenituri li jesgħu > 2 L u ta' qawwa alkoħolika ta' =< 13 % vol | hl | | 20 000 | 15 647 |
| 116 | Vermut u nbid ieħor ta' għeneb frisk, b'togħma ta' pjanti jew sustanzi aromatiċi f'kontenituri li jesgħu > 2 L u ta' qawwa alkoħolika ta' =< 18 % vol | hl | | 13 810 | 13 808 |
| 117 | Nuħħala, qxura u residwi oħrajn, kemm fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, ġejjin mit-tnaqqija, mit-tħin jew minn xogħol ieħor fuq iċ-ċereali | t | | 475 000 | 458 068 |
| 118 | Glutina tal-qamħirrun | t | | 10 000 | 10 000 |

PUBLIC

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni tat-TRQ | Unità | Termini u kondizzjonijiet oħra<br>—<br>Pajjiż fornitur | Konċessjoni attwali fl-Iskeda CLXXV (EU28) | Konċessjoni proposta għall-EU27 |
|---|---|---|---|---|---|
| 119 | Preparazzjonijiet magħmulin minn taħlita ta' ġelbin tax-xgħir u ta' partikoli mgħarbula tax-xgħir qabel il-proċess tal-immaltjar (possibbilment jinkludu żrieragħ oħrajn) b'tindif tax-xgħir wara l-proċess tal-immaltjar, u li fihom, skont il-piż, 12,5 % jew aktar proteini<br>Preparazzjonijiet magħmulin minn taħlita ta' ġelbin tax-xgħir u ta' partikoli mgħarbula tax-xgħir qabel il-proċess tal-immaltjar (possibbilment jinkludu ż-żrieragħ tagħhom) b'tindif tax-xgħir wara l-proċess tal-immaltjar, u li fihom, skont il-piż, 12,5 % jew aktar proteini u mhux aktar minn 28 % lamtu | t | | 20 000 | 20 000 |

PUBLIC

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni tat-TRQ | Unità | Termini u kondizzjonijiet oħra<br>—<br>Pajjiż fornitur | Konċessjoni attwali fl-Iskeda CLXXV<br>(EU28) | Konċessjoni proposta għall-EU27 |
|---|---|---|---|---|---|
| 120 | Preparazzjonijiet magħmulin minn taħlita ta' ġelbin tax-xgħir u ta' partikoli mgħarbula tax-xgħir qabel il-proċess tal-immaltjar (possibbilment jinkludu żrieragħ oħrajn) b'tindif tax-xgħir wara l-proċess tal-immaltjar, u li fihom, skont il-piż, 15,5 % jew aktar proteini<br>Preparazzjonijiet magħmulin minn taħlita ta' ġelbin tax-xgħir u ta' partikoli mgħarbula tax-xgħir qabel il-proċess tal-immaltjar (possibbilment jinkludu ż-żrieragħ tagħhom) b'tindif tax-xgħir wara l-proċess tal-immaltjar, u li fihom, skont il-piż, 15,5 % jew aktar proteini u mhux aktar minn 23 % lamtu | t | | 100 000 | 100 000 |
| 121 | Preparazzjonijiet oħra li jintużaw fl-għalf tal-annimali:<br>li ma fihomx prodotti tal-ħalib jew li fihom inqas minn 10 % bil-piż minn dawn il-prodotti | t | | 2 800 | 2 746 |

PUBLIC

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni tat-TRQ | Unità | Termini u kondizzjonijiet oħra<br>—<br>Pajjiż fornitur | Konċessjoni attwali fl-Iskeda CLXXV (EU28) | Konċessjoni proposta għall-EU27 |
|---|---|---|---|---|---|
| 122 | Preparazzjonijiet oħra li jintużaw fl-għalf tal-annimali:<br>li ma fihomx prodotti tal-ħalib jew li fihom inqas minn 10 % bil-piż minn dawn il-prodotti | t | | 2 700 | 2 670 |
| 123 | Ikel tal-klieb u l-qtates | t | | 2 058 | 1 393 |
| 124 | Albumina tal-bajd | t (ekwivalent i għal bajd fil-qxur) | | 15 500 | 15 500 |

PUBLIC

2. Kwoti tariffarji li għandhom jiġu modifikati fil-Parti I, it-Taqsima II-B (prodotti oħra)

PUBLIC

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni tat-TRQ | Unità | Termini u kundizzjonijiet oħra - Pajjiż fornitur | Il-konċessjoni attwali fl-Iskeda CLXXV (EU28) | Konċessjon i proposta għall-EU27 |
|---|---|---|---|---|---|
| 001 | Tonn (tar-razza *Thunnus*) u ħut tar-razza *Euthynnus* | t | | 17 250 | 17 221 |
| 002 | Aringi | t | | 34 000 | 31 888 |
| 003 | Merluzz tal-fidda (*Merluccius bilinearis*) | t | | 2 000 | 1 999 |
| 004 | Ħut tar-razza *Coregonus* | t | | 1 000 | 1 000 |
| 005 | Ħut tar-razza *Allocyttus* u tar-razza *Pseudocyttus maculatus* | t | | 200 | 200 |
| 006 | Bakkaljaw tal-ispeċi *Gadus morhua* u *Gadus ogac* u ħut tal-ispeċi *Boreogadus saida* | t | | 25 000 | 24 998 |
| 007 | Ħut preparat jew priżervat (ħlief sħiħ jew f'biċċiet): ta' sardin, palamit, kavalli tal-ispeċi *Scomber scombrus* u *Scomber japonicas*, ħut tal-ispeċi *Orcynopsis unicolor* | t | | 865 | 631 |

PUBLIC

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni tat-TRQ | Unità | Termini u kundizzjonijiet oħra - Pajjiż fornitur | Il-konċessjoni attwali fl-Iskeda CLXXV (EU28) | Konċessjon i proposta għall-EU27 |
|---|---|---|---|---|---|
| 008 | Ħut preparat jew priżervat (ħlief sħiħ jew f'biċċiet): ta' sardin, palamit, kavalli tal-ispeċi *Scomber scombrus* u *Scomber japonicas*, ħut tal-ispeċi *Orcynopsis unicolor* | t | It-Tajlandja | 1 410 | 123 |
| 009 | Ħut preparat jew priżervat (ħlief sħiħ jew f'biċċiet): Tat-tonn, tal-plamtu jew ħut ieħor tal-ġeneru *Euthynnus* | t | | 742 | 742 |
| 010 | Ħut preparat jew priżervat (ħlief sħiħ jew f'biċċiet): Tat-tonn, tal-plamtu jew ħut ieħor tal-ġeneru *Euthynnus* | t | It-Tajlandja | 1 816 | 1 816 |
| 011 | Gambli tar-razza *Pandalus borealis*, imqaxxrin, mgħollijin, iffriżati, iżda mhux ippreparati aktar | t | | 500 | 474 |
| 012 | Gambli tal-ilma ħelu, imsajrin fix-xibt, iffriżati | t | | 3 000 | 2 965 |

| Numru tas-sekwenza tat-TRQ | Deskrizzjoni tat-TRQ | Unità | Termini u kundizzjonijiet oħra - Pajjiż fornitur | Il-konċessjoni attwali fl-Iskeda CLXXV (EU28) | Konċessjon i proposta għall-EU27 |
|---|---|---|---|---|---|
| 013 | Plywood ta' speċijiet koniferi, mingħajr żieda ta' sustanzi oħra: - li l-uċuħ tiegħu mhumiex ippreparati aktar mill-proċess tat-tqaxxir, ta' ħxuna akbar minn 8,5 mm, jew — xkatlati, ta' ħxuna akbar minn 18,5-il mm | m kubu | | 650 000 | 482 648 |
| 014 | Ħjut tal-kittien mhux ibbliċjati (ħlief ħjut tal-istoppa) b' qies ta' 333,3 deċiteks jew aktar (mhux aktar minn 30 numru metriku) | t | | 400 | 400 |
| 015 | Oġġetti żgħar tal-ħġieġ simili, minbarra: żibeġ tal-ħġieġ, perli artifiċjali u ħaġar prezzjuż u semiprezzjuż artifiċjali | t | | 52 | 52 |
| 016 | Ferrosiliċju | t | | 12 600 | 12 600 |
| 017 | Ferrosilikomanganiż | t | | 18 550 | 18 550 |
| 018 | Kromju tal-ħadid li fih mhux aktar minn 0,10 % bil-piż ta' karbonju, u aktar minn 30 % iżda mhux aktar minn 90 % ta' kromju | t | | 2 950 | 2 804 |

PUBLIC